# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Paul Joseph Cachia**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Paul Joseph Cachia ta' 29 sena, iben Paul u Angolina nee` Galea mwieled nhar it-3 ta' Dicembru 1991 l-Pieta, residenti gewwa l-fond Theresa, Flt 1, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 2392M.

Akkuzat talli b`diversi atti maghmulin minnu stess flimkien ma' persuna/i ohra, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda u cioe`:

Talli fix-xahar t'April 2021 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

1. B'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, inganna, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghad-dannu ta' Twanny Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.
   Artikoli 42, 308 u 310(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Twanny Zammit u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.
   Artikolu 42 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli nhar is-16 t'April 2021 ghal habta tal-17:30hrs gewwa l-hanut "Hansa Wines and Spirits" fi Triq Barnaba, San Pawl il-Bahar:

3. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu Noel Scicluna u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet ohra.
   Artikolu 42 u 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu.
   Artikolu 42 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. B'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, inganna, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghas-somma ta' elf ewro (€1,000) ghad-dannu ta' Franco Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Artikoli 42, 308 u 310(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' Franco Farrugia u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.
Artikolu 42 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli nhar is-16 t'April 2021 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer:

7. Xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' cheque book mehud b'qerq, jew akkwista b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbiegh jew jmexxi.
Artikolu 42 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Paul Joseph Cachia bhala recidiv b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2021 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kienet dik ta' hames (5) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jikkonferma il-pozizzjoni tieghu.

**4.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv u hu wiegeb wkoll li qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**5.** Rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit tat-23 ta' Settembru 2021.

**6.** Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u rat li d-difiza naqset li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilha preskritt.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Fl-ewwel lok, il-Qorti tibda biex tosserva li mill-atti ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni ma kkomunikatx jew innotifikat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha lid-difiza, kif kienet ordnata li taghmel fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022. Konsegwentement, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din in-nota ta' sottomissjonijiet.

**8.** L-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Pero minn qari tac-citazzjoni huwa ovvju li t-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet ta' frodi innominata gew moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjonijiet ta' truffa rispettivament. Ghaldaqstant, minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tas-sitt imputazzjonijiet, pero issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu.

**9.** Ghar-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u cioe dak in-nhar stess tal-prezentata tieghu quddiem din il-Qorti. Ghaldaqstant huwa ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u tal-Qorti. Pero jrid jinghad li din l-ammissjoni saret fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2021, u l-pre-sentencing report gie ipprezentat u mahluf fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021. Dak in-nhar id-difiza talbet differiment ghall-provi tad-difiza dwar il-piena. Pero minkejja li din il-Qorti tat lill-imputat erba' differimenti ghal dan l-iskop, l-imputat baqa' ma tella' l-ebda prova rigward il-piena. In oltre, huwa ma attendiex ghal tnejn minn dawn iz-

zewg seduti minghajr raguni valida, u konsegwentement din il-Qorti irrevokat id-digriet tal-helsien mill-arrest li kienet akkordat favur tieghu.

**10.** Il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja. Huwa ghandu tlettax (13)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludi tlett kundanni talli naqas li jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija jew fixkilhom fi dmirijiethom, kundanna ta' serq u ohra ta' frodi, reati relatati mal-ligijiet tas-sewqan, traffikar ta' droga, u tlett kundanni ghal vjolenza domestika li kienu jinvolvu wkoll griehi ta' natura hafifa. Huwa inghata diversi opportunatjiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu inkluz liberta kondizzjonata, u tlett (3) ordnijiet ta' probation, pero l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet, tant li gie denunzjat u nstab hati li kiser wahda mill-ordnijiet ta' probation.

**11.** Mill-atti ma jirrizultax li l-imputat irrifonda lill-persuni lezi, l-ammonti lilhom dovut.

**12.** Mill-istqarrija tieghu stess u mir-rapport tal-ufficjal tal-probation jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' tossiko-dipendenza fuq il-kokaina, u ilu b'din il-problema mill-eta tenera ta' sittax (16)-il sena. Mix-xhieda u r-rapport tal-ufficjal tal-probation jirrizulta b'mod car li l-imputat m'ghandux intenzjoni serja li jindirizza din il-problema. Dan huwa rifless fir-rapport tal-ufficjal tal-probation li ilha ssegwi lill-imputat fuq diversi ordnijiet ta' probation sa mill-2014. Minn dan ir-rapport jirrizulta li d-diversi tentattivi li saru sabiex l-imputat jindirizza din il-problema u jidhol isegwi programm ta' riabilitazzjoni sfaw fix-xejn. Ghalkemm hu beda tali programm fl-2017, u deher li kien sejjer tajjeb, u qabad u telaq mill-programm inqas minn xaharejn wara li bdieh. Fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-Ufficjal tal-Probation qalet ukoll li l-imputat hu mhux biss riluttanti li jaghmel programm, izda huwa sahhansitra riluttanti li jiehu xi forma ta' counselling fuq il-problema li ghandu ta' tossikodipendenza.

**13.** Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta wkoll li anke fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa ma tantx ikkopera mal-ufficjal tal-probation sabiex jigi redatt il-pre-sentencing report, li fuq kollox gie mitlub li jsir mid-difiza, kif ukoll gurnata qabel s-seduta meta r-rapport gie sottomess, huwa instab pozittiv ghas-sustanza kokaina – fatt li gieghlu jkun aggressiv b'mod verbali fil-konfront tal-istess ufficjal tal-probation.

**14.** L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha hekk:

*"**Fatturi Identifikati***

*Minn informazzjoni li ngabret ghal dan ir-rapport gew identifikati diversi fatturi. Jidher li l-ambjent familjari hu wiehed tajjeb u ma kienx hemm problemi li setghu affettwaw lill-imsemmi aktar tard f'hajtu. L-aktar punti saljenti li hargu huma l-karatterstici fil-personalita, partikolarment l-impulsivita li ghandu. Fattur iehor hu dak tal-abbuz tad-droga, fejn ilu sejjer ghal hafna zmien u qieghed johloq problemi kbar fil-hajja tal-imsemmi.*

*Minn dan ir-rigward, gie indikat li l-imsemmi ta tantx wera motivazzjoni biex jindirizza din il-problema u dan anke fid-dawl li nghata diversi opportunitajiet minn diversi Qrati tal-Gustizzja. Dan jista' jkun dovut ghall-fatt li l-imsemmi jirrikjedi ghajnuna professjonali intensiva.*

*Paul Joseph Cachia ghandu jkun ukoll aktar responsabbli lejn il-hajja, l-aktar meta hemm l-ulied involuti.*

***Pjan ta' Kura***

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ic-cirskotanzi qieghed jigi indikat li Paul Joseph Cachia ghandu bzonn li jindirizza l-problema tad-droga bl-aktar mod immedjat. Ghal dan il-ghan l-imsemmi ghandu jidhol isegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra t-tehid tad-droga. Ukoll Paul Joseph Cachia ghandu jifttex li jikkontrolla l-agir tieghu, l-aktar fil-konfront ta' dawk li huma qrib tieghu.*

***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti u fic-cirkostanza li hemm ir-recidiva, qed ikun umilment irrakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti, piena karcerarja li matulha jkun hemm l-opportunita li l-imsemmi jidhol isegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra t-tehid tad-droga. Ma dan ukoll ghandu jigi ikkunsidrat li jinghata s-servizz ta' Anger Management."*

**15.** Mix-xhieda u mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation li ilha issegwi lill-imputat sa mis-sena 2014, jirrizulta ampjament li l-imputat repetutament ma' kkoperax mal-Ufficjal tal-Probation, lanqas ghal dak li jirrigwarda li sempliciment jattendi s-seduti li kienu skedati maghha, u wisq inqas beda xi forma ta' pjan ta' kura ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-hajja tal-imputat ghal dawn l-ahhar hmistax (15) -il sena, ma thalli l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-imputat m'hux kapaci jibda u jsegwi l-programm ta' riabbilitazzjoni jekk m'hux f'ambjent konfinat u kontrollat, bhalma hija l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd, fl-interess tieghu kif ukoll fl-interess tas-socjeta.

**Konkluzjoni**

**16.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni dedotti kontra l-imputat.

2. Wara li rat l-Artikoli 18, 308 u 310(c), 183, 184, 308 u 310(b), 334, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tlett (3) snin u nofs, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**